**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Valsts ieņēmumu dienests

*Konvenuta:* SIA Hydro Energo

**Domanda preliminari**

In-nomenklatura magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), fil-verżjoni tagħha kif emendata bir-Regolament (UE) Nru 1006/2011 tal-Kummissjoni tas-27 ta' Settembru 2011 ([2]), għandha tiġi interpetata fis-sens li l-intestatura 7407 (vireg u profili tar-ram) tinkludi ingotti tar-ram jew tal-liga tar-ram, ta' għamla rettangolari, li l-ħxuna tagħhom hija ikbar minn wieħed minn għaxra tal-wisa' u li ġew illaminati bis-sħana, iżda li fit-taqsima trasversali tagħhom fiha pori, ħofor u xquq irregolari?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382.
([2]) ĠU 2011, L 282, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2012, L 226, p. 8 u ĠU 2011, L 290, p. 6.

---

**Appell ippreżentat fl-1 ta' Mejju 2019 mir-Région de Bruxelles-Capitale mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-28 ta' Frar 2019 fil-Kawża T-178/18, Région de Bruxelles-Capitale vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-352/19 P)**

(2019/C 220/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Région de Bruxelles-Capitale (rappreżentant: A. Bailleux, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— Tannulla d-digriet tat-28 ta' Frar 2019 (T-178/18);

— Tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament ippreżentat mir- Région de Bruxelles-Capitale kontra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2324 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva "glifosat" skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ([1]), u għall-kumplament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

— Tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Bid-digriet ikkontestat, il-Qorti Ġenerali ddikjarat inammissibbli għan-nuqqas ta' interess ġuridiku r-rikors ippreżentat mir-Région de Bruxelles-Capitale. B'mod iktar speċifiku, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-Région de Bruxelles-Capitale ma kienx direttament ikkonċernat mir-regolament ikkontestat, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Insostenn tal-appell tiegħu, ir-Reġjun ta' Brussell-Kapital iqajjem aggravju wieħed li jinqasam f'żewġ partijiet.

L-ewwel nett, ir-rifjut tal-Qorti Ġenerali li teżamina l-kundizzjonijiet ta' ammissibilità tar-rikors fid-dawl tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jirriżulta minn interpretazzjoni żbaljata tal-Artikoli 2(4) u 9 ta' din l-istess Konvenzjoni u ma huwiex motivat b'mod adegwat.

It-tieni nett, huwa abbażi ta' motivazzjoni insuffiċjenti u ksur tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u tal-Artikoli 20(2), 32(1), 36(3), 41(1) u 43(5) u (6) tar-Regolament 1107/2009 li l-Qorti Ġenerali ikkonkludiet li r-rikorrent ma ġiex affettwat direttament.

Fit-tieni parti tal-appell tiegħu, żviluppat fil-każ li l-Qorti Ġenerali tilqa' t-talba għall-annullament tad-digriet ikkontestat u tiddeċiedi li hija stess għandha tiddeċiedi dwar l-ammissibilità tar-rikors, ir-Région de Bruxelles-Capitale jesponi r-raġunijiet li għalihom ir-rikors tiegħu għandu jiġi ddikjarat ammissibbli billi jissodisfa l-kundizzjonijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

(1) ĠU 2017, L 333, p. 10.

**Appell ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2019 minn Hamas mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (l-Ewwel Awla Estiża) fis-6 ta' Marzu 2019 fil-Kawża T-289/15, Hamas vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-386/19 P)**

(2019/C 220/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Hamas (rappreżentant: L. Glock, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tas-6 ta' Marzu 2019, Hamas vs Il-Kunsill, T-289/15;

— tagħti deċiżjoni definittiva fuq il-kwistjonijiet li huma s-suġġett tal-appell;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha tal-istanzi quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellant jinvoka erba' aggravji insostenn tal-appell tiegħu.

L-ewwel nett, billi ddeċidiet li l-fatti ċċitati fil-punt 15 tal-Anness A u fil-punt 17 tal-Anness B tal-espożizzjoni tal-motivi tal-atti ta' Marzu 2015 huma invokati b'mod awtonomu mill-Kunsill, il-Qorti Ġenerali żnaturat l-annessi tal-proċess, issostitwiet il-motivi tagħha għal dawk tal-awtur tal-atti kkontestati, kisret l-obbligu li timmotiva d-deċiżjoni tagħha u ċaħdet lir-rikorrent f'dik il-kawża mill-possibbiltà li jipprepara d-difiża tiegħu.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931, billi aċċettat li deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva ttieħdet minn awtorità kompetenti fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, minkejja li din qatt ma kienet is-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju.